MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

**OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**ta' l-1 ta' Diċembru 2005**

**dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro**

**(CON/2005/51)**

Fl-10 ta' Novembru 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar 'Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni tal-euro' (COM(2005) 357 finali)[1] (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost'). Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq it-tielet sentenza ta' l-Artikolu 123(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, li hija l-bażi għar-regolament propost. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Rimarki ġenerali

1.1. Ir-regolament propost ifittex li jistabbilixxi qafas legali xieraq għall-introduzzjoni futura tal-euro fl-iStati Membri li għadhom m'adottawx il-euro (minn issa 'l quddiem 'l-iStati Membri mhux parteċipanti'). Dawn l-iStati Membri għandhom interess qawwi li jiżguraw li jiġi adottat qafas legali robust fuq livell Komunitarju ferm minn qabel il-bdil għall-munita ta' l-euro, sabiex jiffaċilitaw preparazzjonijiet domestiċi u fil-ħin, prattiċi u leġislattivi għall-introduzzjoni tal-euro. L-UE b'mod ġenerali u l-iStati Membri li diġà adottaw il-euro (minn issa 'l quddiem 'l-iStati Membri parteċipanti') ukoll għandhom interess qawwi li jiżguraw li kull tkabbir futur taż-żona tal-euro jiġi implimentat bla xkiel u b'suċċess bħal fil-każ ta' l-adozzjoni tal-euro mill-11–il Stat Membru parteċipanti oriġinali u l-Greċja, biex b'hekk it-tkabbir taż-żona tal-euro jkollu impatt pożittiv. Fil-fatt, il-BĊE jikkunsidra li l-introduzzjoni b'suċċess tal-euro fl-iStati Membri parteċipanti eżistenti kellha rwol prinċipali fl-istabbiliment tal-kredibbiltà tal-euro, kemm ġewwa l-UE kif ukoll fuq il-livell internazzjonali usa'.

1 Verżjoni tat-2 ta' Awwissu 2005.

2. Rimarki speċifiċi

2.1. *Stabbiliment ta' tliet xenarji ta' bdil għall- euro*

2.1.1. Qiegħed jiġi mfakkar li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro[2], li jirregola l-introduzzjoni tal-euro fil-11–il Stat Membru parteċipanti u fil-Greċja, kien ibbażat fuq l-approċċ imħaddan mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu f'Madrid fl-1995 (minn issa 'l quddiem 'ix-xenarju ta' Madrid'). Ix-xenarju ta' Madrid ipprovda għal perijodu transizzjonali bejn l-introduzzjoni tal-euro bil-miktub u l-introduzzjoni tal-karti tal-flus u muniti euro u huwa l-bażi tar-regoli għall-introduzzjoni tal-euro li bħalissa jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 974/98. Għal aktar introduzzjonijiet tal-euro xi aspetti prattiċi importanti nbidlu b'mod sostanzjali mill-ewwel bidla, li bdiet fl-1 ta' Jannar, 1999. B'mod partikolari, il-karti tal-flus euro issa jinsabu ġewwa ż-żona tal-euro u madwar l-UE, u dan ħoloq il-bżonn ta' xenarji addizzjonali ta' bdil mix-xenarju ta' Madrid.

2.1.2. Skond ir-regolament propost il-Kunsill jawtorizza lill-iStati Membri biex isegwu wieħed mit-tliet xenarji differenti ta' bdil: (a) perijodu transizzjonali tip ta' Madrid, iġifieri perijodu ta' żmien li matulu l-euro tkun teżisiti legalment biss bħala valuta bil-miktub, filwaqt li karti tal-flus u muniti euro, anke jekk disponibbli privatament u jkunu jistgħu jintużaw, ma jkunux uffiċjalment rikonoxxuti bħala li għandhom status ta' valuta legali fuq il-livell domestiku; (b) xenarju 'big bang', iġifieri transizzjoni f'daqqa għall-euro li fiha d-dati għall-introduzzjoni ta' l-euro bħala valuta bil-miktub u għall-bdil tal-flus kontanti jkunu l-istess; jew (ċ) xenarju 'big bang' b'perijodu ta' tneħħija gradatament ta' mhux aktar minn sena li matulu tista' tibqa' ssir referenza għall-unità tal-valuta nazzjonali fi strumenti li għandhom effett legali (eż. fatturi, kontijiet tal-kumpannija u *payslips*).

2.1.3. L-għan bażiku tar-regolament propost, li huwa kkjarifikat fil-memorandum ta' spjega, huwa li jistabbilixxi dawn it-tliet xenarji ta' bdil alternattivi għal Stati Membri futuri li jkunu fil-proċess li jadottaw il-euro[3]. Sabiex jiżgura livell ogħla ta' trasparenza għaċ-ċittadini ta' l-UE, u biex jiżgura konsistenza mal-miri ta' l-aħjar aġenda regolamentarja ta' l-UE, il-BĊE jipproponi li tiddaħħal dispożizzjoni ċara fir-regolament propost li tirrifletti b'mod dirett u b'mod aktar komprensiv it-tliet xenarji differenti ta' bdil li japplikaw għall-iStati Membri konċernati.

2.1.4. B'mod partikolari, numru ta' Stati Membri li ssieħbu fl-UE fl-1 ta' Mejju, 2004[4] indikaw pubblikament li jippreferu li l-euro tiġi ntrodotta skond ix-xenarju tal-'big bang'. Skond it-test kurrenti tar-regolament propost il-kunċett ta' bdil għall-euro tat-tip 'big bang' jista' jinkiseb biss mid-definizzjoni tal-perijodu transizzjonali, bil-possibbiltà li d-data ta' l-adozzjoni tal-euro u d-data tal-bidla tal-flus kontanti fl-Anness mar-regolament propost jkunu żewġ dati li jikkoinċidu[5]. Minkejja li tejoretikament huwa possibbli li b'xenarju tal-'big bang' wieħed jifhem li huwa

2 ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2596/2000 (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 2).

3 Ara l-memorandum ta' spjega mar-regolament propost, p. 3.

4 Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, is-Slovakkja u is-Slovenja.

5 Artikolu 1(h) propost tar-Regolament (KE) Nru 974/98 u l-Anness propost tiegħu.

perijodu transizzjonali li jdum farka ta' sekonda, huwa ssuġġerit li x-xenarju tal-'big bang' jista' jiġi ddefinit b'mod aktar trasparenti għaċ-ċittadin ta' l-UE bħala 'l-introduzzjoni ta' l-euro f'pass wieħed li taħtha, id-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro u d-data tal-bdil tal-muniti jikkoinċidu'.

2.2. *Xenarju ta' bdil ta' perijodu transizzjonali*

2.2.1. Skond id-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament (KE) Nru 974/98, 'perijodu transizzjonali' huwa ddefinit bħala perijodu ta' tliet snin li jibda fl-1 ta' Jannar, 1999, u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2001, ħlief fil-każ tal-Greċja, fejn il-perijodu transizzjonali huwa perijodu ta' sena li jibda fl-1 ta' Jannar 2001 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2001[6]. Fi kliem ieħor, ir-Regolament (KE) Nru 974/98 eżistenti jiddefinixxi perijodu ta' żmien fiss li matulu japplikaw id-dispożizzjonijiet transizzjonali. B'kuntrast għal dan, taħt ir-regolament propost, id-definizzjoni ta' 'perijodu transizzjonali' ma tistabbilixxix tul ta' żmien speċifiku jew massimu. Minflok, it-tul tal-perijodu transizzjonali għal kull Stat Membru sejjer jiġi stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ fl-Anness propost mar-Regolament (KE) Nru 974/98, li jfisser li t-tul tal-perijodu transizzjonali jeħtieġ li jiġi nnegozjat mill-ġdid għal kollox fil-ħin tar-revoka tad-deroga ta' kull Stat Membru konċernat[7].

2.2.2. Il-BĊE jirrikmanda bis-saħħa li għandu jiġi stabbilit b'mod espliċitu tul massimu għall-perijodu transizzjonali fit-test tar-regolament propost, u dan it-tul massimu ma għandux ikun itwal minn tliet snin. Barra minn dan il-limitu globali, il-BĊE jirrikmanda li r-*recitals* għar-regolament propost jiċċaraw li l-perijodu transizzjonali għandu jkun kemm jista' jkun qasir, sabiex jiġi mħeġġeġ — istabbiliment ta' perjodi transizzjonali iqsar mill-perijodu massimu permissibbli ta' tliet snin. L-argumenti li fuqhom hija bbażata l-pożizzjoni tal-BĊE fir-rigward ta' dan il-punt huma stabbiliti taħt għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

2.2.3. L-ewwel nett, l-aspetti prattiċi tal-qlib għall-euro huma differenti llum meta mqabbla mal-qlib għall-euro oriġinali li beda nhar l-1 ta' Jannar 1999, meta l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro kienu għadhom ma jeżistux. Minħabba li issa l-karti tal-flus ta' l-euro jinsabu ferm disponibbli mhux biss fiż-żona ta' l-euro iżda madwar l-UE kollha, ma jkunx kredibbli li kieku ċ-ċittadini ta' l-iStat Membru konċernat ikollhom jistennew aktar minn tliet snin wara l-introduzzjoni ta' l-euro bħala l-valuta ta' l-Istat Membru tagħhom qabel ma l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro jsiru l-valuta legali.

2.2.4. It-tieni, il-perijodu transizzjonali ma għandux ikun twil iżżejjed minħabba li l-euro tkun diġà ġiet iddikjarata bħala l-valuta uffiċjali ta' l-Istat Membru konċernat sa mill-bidu nett tal-perijodu transizzjonali[8]. B'mod konsistenti ma' dan, il-BĊE jifformola l-politika monetarja għall-Istat Membru konċernat[9] u l-operazzjonijiet kollha tal-politika monetarja jsiru fil-munita ta' l-euro mill-

---

6 Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

7 Il-propost Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

8 Il-propost Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

9 Artikolu 105(2) tat-Trattat u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 12.1 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

bank ċentrali nazzjonali (BĊN) ta' l-iStat Membru konċernat[10]. Dejn pubbliku ġdid li jkun jista' jiġi nnegozjat jinħareġ fil-valuta ta' l-euro mill-iStat Membru konċernat[11]. Wieħed jista' jistenna li jkun hemm żjieda fl-użu tal-valuta ta' l-euro kemm f'pagamenti domestiċi kif ukoll, b'mod speċjali, f'pagamenti transkonfinali ma' l-iStat Membru konċernat[12]. Barra minn hekk, l-iStat Membru konċernat ikun jista' jieħu miżuri addattati sabiex tkun tista' ssir il-bidla tal-valuta tal-proċeduri operattivi tagħhom minn munita ta' valuta nazzjonali għal dik ta' l-euro minn swieq organizzati u sistemi ta' pagamenti[13]. L-esperjenza tal-11-il Stat Membru parteċipant tissuġġerixxi li s-settur bankarju bl-imnut u s-swieq finanzjarji jistgħu jkunu mistennija li jaqilbu għall-valuta ta' l-euro sa mill-bidu nett tal-perijodu transizzjonali. F'dan l-isfond, il-BĊE ma jqisx li huwa plawsibbli li l-perijodu transizzjonali bejn l-introduzzjoni ta' l-euro bħala l-valuta ta' l-iStat Membru konċernat u l-introduzzjoni uffiċjali tal-karti tal-flus u tal-muniti euro jdum aktar minn tliet snin.

2.2.5. It-tielet punt, huwa veru li kien prudenti li jingħata perijodu transizzjonali ta' tliet snin matul l-ewwel bidla għall-euro, meta wieħed iqis l-isfida loġistika mingħajr preċedent involuta fl-inkorporazzjoni tal-muniti u valuti legali ta' 11-il Stat Membru f'valuta Ewropea waħdanija. Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-Greċja, li adottat l-euro sentejn wara l-11-il Stat Membru parteċipant, irnexxielha tlaħħaq b'perijodu transizzjonali ta' sena. Dan jissuġġerixxi li jekk jintuża perijodu transizzjonali tat-tip ta' Madrid għal kwalunkwe introduzzjoni oħra ta' l-euro, il-perijodu transizzjonali għandu jkun iqsar minn tliet snin.

2.2.6. Ir-raba' punt, żewġ prinċipji huma meqjusin importanti għat-tmexxija ta' l-adozzjoni ta' l-euro: il-prinċipji ta' trattament ugwali u tal-faċilitazzjoni. Filwaqt li l-prinċipju ta' trattament ugwali jimplika li l-iStati Membri li jkunu se jissieħbu aktar tard ma għandhomx iħabbtu wiċċhom ma' ostakoli addizzjonali, u lanqas ma għandhom jitħallew jissieħbu b'termini aktar laxki, il-prinċipju ta' tħaffif jissuġġerixxi li hemm bżonn li jkun hemm flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-bdil tal-valuta. Filwaqt li trattament ugwali jimplika li l-iStati Membri li jkunu se jissieħbu aktar tard huma intitolati jużaw l-istess żmien massimu globali speċifikat fix-xenarju ta' Madrid għall-iStati Membri parteċipanti oriġinali, dawn għandhom jitħallew, b'mod konformi mal-prinċipju ta' tħaffif, itemmu l-bidla għal munita oħra aktar malajr, jekk dan ikun jista' jseħħ u jekk dan ikun addattat. B'hekk, l-istabbiliment ta' massimu ta' tliet snin għall-perijodu transitorju, ikun konsistenti mal-prinċipju ta' trattament ugwali, meta jitqies il-perijodu transizzjonali ta' tliet snin applikabbli għall-11-il Stat Membru oriġinali taħt ir-Regolament (KE) Nru 974/98. Fl-istess ħin, l-għoti tal-possibbiltà li dan il-perijodu transizzjonali ta' tliet snin jitqassar jissodisfa l-prinċipju ta' tħaffif.

2.2.7. Il-ħames punt, l-istabbiliment ta' tul massimu għall-perijodu transizzjonali jkun konsistenti mat-teknika legali wżata għad-definzzjoni ta' perjodi oħra relevanti għax-xenarji differenti ta' bdil għall-euro, bħall-perijodu ta' tneħħija gradatament u l-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja. Ir-

10 *Recital* 9 tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

11 *Recital* 14 tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

12 Artikolu 8(3) ta' u recital 13 tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

13 Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

regolament propost jistabbilixxi tul minimu ta' sena għall-perijodu ta' tneħħija gradatament[14]. Ir-regolament (KE) Nru 974/98 jistabbilixxi li t-tul massimu tal-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja għandu jkun ta' sitt xhur[15].

2.2.8. Fi ftit kliem, il-BĊE iqis li, mill-perspettiva ta' l-assigurazzjoni tal-kredibbiltà tal-proċess ta' bdil għall-euro, li żżid iċ-ċertezza legali u ż-żjieda fl-effiċjenza, hemm każ konvinċenti sabiex jiġi stabbilit tul massimu għall-perijodu transizzjonali ta' mhux aktar minn tliet snin fit-test tar-regolament propost. Sabiex jiġi mħeġġeġ l-istabbiliment ta' perjodi transizzjonali iqsar mill-perijodu massimu permessibbli ta' tliet snin, il-BĊE jirrikmanda wkoll li r-*recitals* għar-regolament propost jiċċaraw li l-perijodu transizzjonali għandu jkun kemm jista' jkun qasir. Finalment, huwa nnotat li dispożizzjoni ċara bħal din, li tistabbilixxi tul massimu għall-perijodu transizzjonali tevita kull diskussjoni oħra fuq kwalunkwe revoka futura tad-derogi ta' l-iStati Membri konċernati u fuq l-emendi sussegwenti għar-Regolament (KE) Nru 974/98, b'hekk, il-proċess ta' bdil għall-euro jsir aktar prevedibbli.

2.3. *Xenarju ta' bdil bi tneħħija gradatament*

2.3.1. B'mod ġenerali, il-BĊE jifhem ir-raġunijiet il-għala xenarju ta' "big bang" jiġi kkombinat ma' perijodu ta' tneħħija gradatamentt ta' mhux aktar minn sena li matulu jkun hemm skop għat-tkomplija ta' l-użu ta' l-unità tal-valuta nazzjonali fi strumenti legali speċifiċi, bħal, skond il-memorandum ta' spjega, fatturi jew kotba finanzjarji ta' kumpanija[16]. Filwaqt li huwa dibatibbli jekk il-fatturi jew il-kotba finanzjarji ta' kumpanija jikkostitwixxux jew le strumenti legali fi ħdan it-tifsira tar-regolament propost, il-BĊE jifhem li l-kunċett tal-perijodu ta' tneħħija gradatament huwa maħsub ukoll sabiex jippermetti t-tkomplija ta' l-użu ta' l-unità tal-valuta nazzjonali fi strumenti legali ġodda bħala kuntratti b'forma standard iġġenerati permezz ta' mezzi elettroniċi (eż. kuntratti ta' karozzi tal-kiri).

2.3.2. Filwaqt li l-memorandum ta' spjega jissuġġerixxi li l-perijodu ta' tneħħija gradatament iħalli biss 'ċertu skop għall-użu tal-valuta nazzjonali fi strumenti legali speċifiċi'[17], id-disposizzjonijiet tar-regolament propost ma fihom ebda limitazzjoni fuq it-tipi ta' strumenti legali ġodda li jistgħu jkomplu jirreferu għall-unità tal-valuta nazzjonali matul il-perijodu ta' tneħħija gradatament[18]. Il-BĊE jinnota li dan il-metodu jippermetti livell konsiderevoli ta' flessibbiltà u sussidjarjetà lill-iStati Membri fl-applikazzjoni tal-perijodu tat-tneħħija gradatament għal tipi differenti ta' strumenti legali.

---

14 Artikolu 9a propost tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

15 Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 974/98. Huwa nnotat li t-12-il Stat Membru parteċipant eżistenti qassru l-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja għal mhux aktar minn xahrejn.

16 Ara l-memorandum ta' spjega għar-regolament propost, p. 3.

17 Ara l-memorandum ta' spjega għar-regolament propost, p. 3.

18 Artikolu 1(i) propost u Artikolu 9a propost tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

2.3.3. Punt li l-BĊE jixtieq jenfasizza huwa li taħt ir-regolament propost, atti mwettqa taħt strumenti legali li fihom referenzi għall-unità tal-valuta nazzjonali matul il-perijodu ta' tneħħija gradatament huma meħtieġa li jitwettqu biss fil-valuta ta' l-euro[19]. Dan jista' jimpedixxi lill-partijiet milli jirreferu għal unitajiet ta' valuta nazzjonali fi strumenti ta' ħlas minħabba li strumenti ta' ħlas bħal dawn jeħtieġu li jsiru fil-valuta ta' l-euro milli fil-valuta nazzjonali relevanti. Madankollu, sakemm strumenti ta' ħlas bħal ċekkijiet u ordnijiet ta' ħlas (*payment orders*) ikunu denominati fl-unità tal-valuta nazzjonali, dan jista' joħloq xi inkonvenjent għall-operaturi ta' ħlas minħabba li jkollhom bżonn jiżguraw li l-bidla mill-unità tal-valuta nazzjonali għall-unità ta' l-euro sseħħ qabel ma ssir transazzjoni. Barra minn hekk, minħabba li l-istrumenti ta' ħlas jistgħu jiċċirkolaw barra l-iStati Membri li jkunu qegħdin japplikaw il-perijodu ta' tneħħija gradatament, huwa importanti minn perspettiva operattiva li tiġi eskluża l-possibbiltà ta' użu transkonfinali ta' strumenti ta' ħlas denominati fl-unitajiet tal-valuta nazzjonali relevanti. Dan jista' jsir billi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet matul il-perijodu ta' tneħħija gradatament tiġi ristretta għal strumenti legali li għandhom isiru fl-iStat Membru konċernat (iġifieri fl-iStat Membru bil-perijodu ta' tneħħija gradatament). Approċċ bħal dan jinkoraġġixxi l-flessibbiltà fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet matul il-perijodu ta' tneħħija gradatament u jillimitha għal-livell domestiku.

2.3.4. Il-BĊE jinnota li l-parti bikrija tal-perijodu ta' tneħħija gradatament (sa mhux aktar minn sena wara d-data tal-qlib tal-munita) sejra taqa' fl-istess żmien tal-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja (sa mhux aktar minn sitt xhur) li matulu kemm l-euro kif ukoll il-karti tal-flus u l-muniti fil-valuta nazzjonali jitħallew bħala l-valuta legali fi ħdan il-limiti territorjali ta' l-iStat Membru konċernat[20]. Il-BĊE jinnota li teżisti diskrepanza bejn id-dispożizzjoni li skondha l-atti mwettqa taħt strumenti legali ġodda li fihom referenzi għall-unità tal-valuta nazzjonali l-antika matul il-perijodu ta' tneħħija gradatament huma meħtieġa li jsiru biss fl-unità ta' l-euro, u l-fatt li l-karti tal-flus u l-muniti fil-valuta nazzjonali se jibqgħu valuta legali fi ħdan it-territorju tagħhom matul il-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja. Din id-diskrepanza tista' tiġi indirizzata permezz ta' emenda għat-test tar-regolament propost, li taħtu, id-disposizzjoni msemmija fuq kieku kienet taħdem mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 974/98 (iġifieri id-dispożizzjonijiet fuq il-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja).

2.4. *Isem ta' l-euro*

2.4.1. Il-BĊE jifhem li Stat Membru partikolari daħħal riserva lingwistika li għandha x'taqsam ma' l-identifikazzjoni ta' l-isem tal-munita unika bħala l-'euro' fil-verżjoni lingwistika tar-regolament propost ta' dak l-iStat Membru. F'dan ir-rigward, il-BĊE jenfasizza li l-isem 'euro' għandu jintuża b'mod xieraq u konsistenti fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha tar-regolament propost, skond ir-rekwiżit taħt ir-Regolament (KE) Nru 974/98 li l-isem tal-munita unika għandu jkun l-istess fil-

19 It-tielet sentenza ta' l-Artikolu 9a propost tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

20 Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, filwaqt li titqies l-eżistenza ta' alfabeti differenti[21]. Kif ġie nnotat mill-BĊE f'opinjoni riċenti fuq abbozz ta' liġi Litwana dwar l-adozzjoni ta' l-euro[22], id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE) Nru 974/98 'jagħmluha ċara li l-isem tal-munita unika huwa l-"euro" u li dan l-isem għandu jkun identiku fl-atti legali ppubblikati fil-lingwi kollha tal-Komunità […] Il-Komunità, bħala d-detentur esklussiv tal-kompetenza fi kwistjonijiet monetarji, tistabbilixxi weħidha l-isem tal-munita unika. Bħala munita unika, l-isem ta' l-euro jeħtieġ li jkun identiku fil-każ singolari nominattiv fil-lingwi kollha tal-Komunità sabiex jiġi żgurat li s-singolarità ta' l-euro tkun apparenti.'

2.4.2. B'mod konsistenti ma' dak li hemm imsemmi fuq, il-karti tal-flus ta' l-euro li l-BĊE jkun awtorizza sabiex jinħarġu mill-BĊE u mill-BĊN ta' l-iStati Membri parteċipanti sa mill-1 ta' Jannar 2002, jidentifikaw biss l-isem tal-munita unika bħala l-'EURO' u l-'ΕΥΡΩ', iġifieri l-isem tal-munita fl-alfabeti Rumani u Griegi[23]. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-BĊE jirrikmanda li t-test tar-regolament propost jinkorpora fil-parti normattiva tiegħu dispożizzjoni li tikkonferma li l-ispeling ta' l-isem ta' l-euro għandu jkun identiku fil-każ singulari nominattiv fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, filwaqt li titqies l-eżistenza ta' alfabeti differenti'.

2.5. *Suġġerimenti speċifiċi dwar l-abbozzar*

Barra minn hekk, il-BĊE għandu numru ta' suġġerimenti speċifiċi dwar l-abbozzar.

2.5.1. L-ewwel nett, ir-Regolament (KE) Nru 974/98 jippermetti lil kull Stat Membru jagħżel li jsegwi perijodu transizzjonali tip ta' Madrid biex ikun jista' jieħu l-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tkun tista' ssir il-bidla ta' l-unità tal-proċeduri operattivi tagħhom minn unità ta' valuta nazzjonali għall-valuta ta' l-euro minn swieq għall-iskambju, klerjar u ħlas ta' djun regolari ta' kwalunkwe strument elenkat f'Taqsima B ta' l-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta' l-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam tat-titoli[24] (minn hawn iżjed 'il quddiem 'ISD') u tal-komoditajiet[25]. Minħabba l-fatt li l-ISD ġie revokat mis-Swieq fid-Direttiva ta' Strumenti Finanzjarji[26] (minn hawn iżjed 'il quddiem 'MiFID'), ir-referenza għall-istrumenti elenkati fit-Taqsima B ta' l-Anness ma' l-ISD għandha tiġi mibdula b'referenza għall-istrumenti elenkati fit-Taqsima Ċ ta' l-Anness I mal-MiFID, li fiha lista aktar dettaljata u sofistikata ta' strumenti finanzjarji mill-ISD, inkluż, eżempju, d-derivattivi tal-komodità, kreditu u temp.

---

21 Artikolu 2 ta' u *recital* 2 għar-Regolament (KE) Nru 974/98. Ara wkoll il-paragrafu 10 ta' l-Opinjoni tal-BĊE CON/2005/21 ta' l-14 ta' Ġunju 2005 fuq it-talba ta' Lietuvos bankas fuq abbozz ta' liġi dwar l-adozzjoni ta' l-euro; disponibbli fuq il-website tal-BĊE www.ecb.int.

22 Paragrafu 10 ta' l-Opinjoni CON/2005/21.

23 Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4 ta' l-20 ta' Marzu 2003 dwar id-denominazzjonijiet, speċifikazzjonijiet, riproduzzjoni, skambju u rtirar ta' karti tal-flus ta' l-euro (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 16).

24 ĠU L 141, 11.6.1993, p. 27. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002//87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

25 Subparagrafu (a) tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 974/98.

26 Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fi strumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

2.5.2. It-tieni, ġie ssuġġerit li l-ewwel paragrafu tal-propost Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 974/98 jiġi ssimplifikat sabiex jiġi pprovdut li 'b'effett mid-dati rispettivi ta' bdil tal-munita, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri parteċipanti għandhom jiċċirkolaw il-karti tal-flus denominati f'euro fl-iStati Membri parteċipanti.'

2.5.3. It-tielet, fir-rigward tar-referenza ta' għajnuna għad-'dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim taħt l-Artikolu 111 tat-Trattat dwar kwistjonijiet monetarji li jinsabu fil-propost Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 974/98 (li jindirizza l-istatus tal-valuta legali ta' muniti ta' l-euro maħruġin minn pajjiżi terzi bħal Monaco, San Marino u l-Belt tal-Vatikan), il-BĊE jissuġġerixxi li, b'mod konsistenti ma' l-istess verżjonijiet lingwistiċi (eż. il-Ġermaniż) tar-regolament propost, ir-referenza għall-Artikolu 111 tat-Trattat tista' tiġi ristretta għall-paragrafu 3 tiegħu, minħabba li dan huwa l-uniku paragrafu ta' l-Artikolu 111 li jirreferi għall-ftehim dwar kwistjonijiet monetarji (iġifieri Artikolu 111(3)).

2.5.4. Ir-raba', fir-rigward ta' l-obbligu propost għall-'banek' li jaqilbu l-karti tal-flus u l-muniti nazzjonali tal-klijenti tagħhom f'karti tal-flus u f'muniti euro bla ħlas sa ammont speċifikat skond il-propost Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 974/98, il-BĊE jinnota li, minn perspettiva strettament ta' abbozzar, it-terminu 'istituzzjonijiet ta' kreditu' huwa t-terminu normalment użat sabiex jiddeskrivi banek kemm taħt it-Trattat kif ukoll taħt il-liġi sekondarja tal-Komunità. Għaldaqstant, jekk ir-referenza għall-'banek' tiġi mibdula b''istituzzjonijiet ta' kreditu', kif definit fid-Direttiva Konsolidata dwar il-Banek, jeħtieġ li jitqies il-fatt li xi istituzzjonijiet ta' 'kreditu' inklużi fi ħdan l-iskop ta' dik id-Direttiva mhumiex inklużi f'operazzjonijiet ta' flus kontanti (eż. istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi)[27] filwaqt li oħrajn, li huma eżentati mill-iskop tad-Direttiva (eż. istituzzjonijiet giro ta' uffiċċji postali), urew li kienu importanti għall-bdil għall-euro fil-passat. Minħabba dak li hemm referenza għalih fuq, ikun jagħmel sens li titħalla ċerta diskrezzjoni għall-iStati Membri konċernati fir-rigward tad-definizzjoni ta' istituzzjonijiet oħra li jistgħu jkunu jeħtieġu li jkunu koperti b'dan l-obbligu għall-iskambju ta' karti tal-flus u muniti bla ħlas.

---

27 Artikoli 1(1) u 2(3) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-introduzzjoni fl-attività u l-eżerċizzju kummerċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2005/1/KE (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9).

2.6. *Proposti għall-abbozzar*

2.6.1. Fejn ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fuq jistgħu jwasslu għal bidliet fir-regolament propost, qegħdin jiġu mehmużin proposti għall-abbozzar fl-Anness ma' din l-Opinjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, l-1 ta' Diċembru 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

## Proposti għall-abbozzar

<table>
<tr><th>Test propost mill-Kummissjoni[28]</th><th>Emendi proposti mill-BĊE[29]</th></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 1<br>Recitals għar-regolament propost</td></tr>
<tr><td>[Ebda proposta kurrenti]</td><td>L-ispeling ta' l-isem ta' l-euro jeħtieġ li jkun identiku fil-każ singulari nominattiv fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, sabiex jiġi żgurat li s-singolarità ta' l-euro tkun apparenti.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafi 2.4.1-2.4.2 ta' l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 2<br>Recital 4 għar-regolament propost</td></tr>
<tr><td>Sabiex ikun hemm tħejjija għal bdil għall-euro mingħajr intoppi, ir-Regolament (KE) Nru 974/98 jipprovdi għal perijodu transizzjonali obbligatorju bejn is-sostituzzjoni tal-valuti ta' l-iStati Membri parteċipanti għall-euro u l-introduzzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti ta' l-euro.</td><td>Sabiex ikun hemm tħejjija għal bdil għall-euro mingħajr intoppi, ir-Regolament (KE) Nru 974/98 jipprovdi għal perijodu transizzjonali obbligatorju bejn is-sostituzzjoni tal-valuti ta' l-iStati Membri parteċipanti għall-euro u l-introduzzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti ta' l-euro. Minħabba li l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-euro huma disponibbli sewwa għall-pubbliku, fil-futur, perijodu transizzjonali bħal dan għandu jkun qasir kemm jista' jkun.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafi 2.2.1-2.2.8 ta' l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 3<br>Il-propost Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>[Ebda proposta kurrenti]</td><td>'xenarju "big bang"' għandu jfisser introduzzjoni ta' l-euro f'pass wieħed li taħtu, id-data ta' l-adozzjoni ta' l-euro u d-data tal-bidla tal-muniti jikkoinċidu.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 2.1.4 ta' l-opinjoni</td></tr>
</table>

---

28 Tipa korsiva fil-parti prinċipali tat-test tindika fejn il-BĊE qiegħed jipproponi li jħassar it-test.

29 It-tipa skura fil-parti prinċipali tat-test tindika t-test ġdid propost mill-BĊE.

<table>
<tr><td colspan="2">Emenda 4<br><br>Il-propost Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>‘perijodu transizzjonali’ għandu jfisser il-perijodu li jibda f’00.00 fid-data ta’ l-adozzjoni ta’ l-euro u li jintemm f’00.00 fid-data tal-bdil tal-flus kontanti;</td><td>‘perijodu transizzjonali’ għandu jfisser perijodu massimu ta’ tliet snin li jibda f’00.00 fid-data ta’ l-adozzjoni ta’ l-euro u li jintemm f’00.00 fid-data tal-bdil tal-flus kontanti;</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafi 2.2.1-2.2.8 ta’ l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 5<br><br>Il-propost Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>Id-data ta’ l-adozzjoni ta’ l-euro, id-data tal-bdil tal-flus kontanti, u l-perijodu tat-tneħħija gradatament, jekk applikabbli, għal kull Stat Membru parteċipant għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.</td><td>Kull Stat Membru parteċipanti għandu jadotta l-euro skond xenarju bbażat fuq perijodu transizzjonali jew xenarju ‘big bang’ kombinat b’perijodu ta’ tneħħija gradatament. Id-data ta’ l-adozzjoni ta’ l-euro, id-data tal-bdil tal-flus kontanti, u d-data tat-tmiem tal-perijodu tat-tneħħija gradatament, jekk applikabbli, għal kull Stat Membru parteċipant għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness ma’ dan ir-Regolament.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 2.1.3 ta’ l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 6<br><br>Il-propost Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>B’effett mid-dati rispettivi ta’ l-adozzjoni ta’ l-euro, il-valuta ta’ l-iStati Membri parteċipanti sejra tkun l-euro. L-unità tal-valuta għandha tkun euro waħda. Euro waħda għandha tkun magħmula minn mitt ċenteżmu.</td><td>B’effett mid-dati rispettivi ta’ l-adozzjoni ta’ l-euro, il-valuta ta’ l-iStati Membri parteċipanti sejra tkun l-euro. L-unità tal-valuta għandha tkun euro waħda. Euro waħda għandha tkun magħmula minn mitt ċenteżmu. L-ispeling ta’ l-isem ta’ l-euro għandu jkun identiku fil-każ singulari nominattiv fil-lingwi uffiċjali kollha ta’ l-Unjoni Ewropea, filwaqt li titqies l-eżistenza ta’ alfabeti differenti.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafi 2.4.1-2.4.2 ta’ l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 7<br><br>Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 974/98 (fil-preżent ma huwa soġġett għall-ebda emenda fir-regolament propost)</td></tr>
<tr><td>4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, kull Stat Membru parteċipant jista’ jieħu miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex:<br>– […],<br><br>– jippermetti l-bidla tal-munita tal-proċeduri operattivi minn unità tal-valuta nazzjonali għall-</td><td>4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, kull Stat Membru parteċipant jista’ jieħu miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex:<br>– […],<br><br>– jippermetti l-bidla ta’ l-unit of account tal-proċeduri operattivi minn unità tal-valuta</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>unità ta' l-euro minn:<br><br>(a) swieq għall-iskambju, klerjar u ħlas ta’ djun regolari fl-Artikolu B ta’ l-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ta’ l-10 ta’ Mejju 1993 dwar servizzi ta’ investiment fil-qasam tat-titoli u tal-komoditajiet; u<br><br>(b) sistemi għall-iskambju, klerjar u ħlas ta’ pagamenti regolari.</td><td>nazzjonali għall-unità ta' l-euro minn:<br><br>(a) swieq għall-iskambju, klerjar u ħlas ta’ djun regolari ta’ kwalunkwe strument elenkat fl-Artikolu Ċ ta’ l-Anness I mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq is-swieq fi strumenti finanzjarji li temenda d-Dierttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE u tal-komoditajiet; u<br><br>(b) sistemi għall-iskambju, klerjar u ħlas ta’ pagamenti regolari.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 2.5.1 ta’ l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 8<br><br>Il-propost Artikolu 9a, l-ewwel paragrafu, it-tielet sentenza, tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>L-atti mwettqa taħt dawn l-istrumenti legali għandhom isiru biss bl-unità ta’ l-euro.</td><td>Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, l-atti mwettqa taħt dawn l-istrumenti legali għandhom isiru biss bl-unità ta’ l-euro.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 2.3.4 ta’ l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 9<br><br>Il-propost Artikolu 10, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>B’effett mill-1 ta’ Jannar 2002 il-BĊE għandu jpoġġi fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus denominati f’ euro. Il-banek ċentrali ta’ l-iStati Membri parteċipanti għandhom ipoġġu fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus denominati f'euro mid-data rispettiva ta’ bdil ta’ flus kontanti.</td><td>B’effett mid-dati rispettivi ta’ bdil ta’ flus kontanti, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta’ l-iStati Membri parteċipanti għandhom ipoġġu fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus denominati f’euro fl-iStat Membru parteċipanti.</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 2.5.2 ta’ l-opinjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Emenda 10<br><br>Il-propost Artikolu 11, it-tieni sentenza, tar-Regolament (KE) Nru 974/98</td></tr>
<tr><td>[…]<br><br>Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 u għad-disposizzjonijiet ta’ kwalunkwe ftehim taħt l-Artikolu 111 tat-Trattat dwar kwistjonijiet monetarji, dawk il-muniti għandhom ikunu l-uniċi muniti li jkollhom l-istatus tal-valuta legali fl-iStati Membri parteċipanti. […]</td><td>[…]<br><br>Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 u għad-disposizzjonijiet ta’ kwalunkwe ftehim taħt l-Artikolu 111(3) tat-Trattat dwar kwistjonijiet monetarji, dawk il-muniti għandhom ikunu l-uniċi muniti i jkollhom l-istatus tal-valuta legali fl-iStati Membri parteċipanti. […]</td></tr>
<tr><td colspan="2"><u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 2.5.3. ta’ l-opinjoni</td></tr>
</table>